*MINUTI*

*KUNSILL LOKALI ZURRIEQ*

*LAQGHA NUMRU ERBGĦA U ERBGĦIN*

*7 ta' Frar, 2004*

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.*

*PREŻENTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Joseph D'Amato, l-Kunsillier Mario Sammut, u l- Kunsillier Emanuel Briffa.*

*Il-Kunsillier Antonia Farrugia kienet preżenti mis-6.50pm 'il quddiem*

*Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*SKUŻATI*

*Il-Kunsillier Mario Ellul u l-Kunsillier Mark Spiteri.*

*MINUTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia ppresjeda.*

***44.1 Xogħlijiet ġodda fil-proġett taċ-Ċentru taż-Żurrieq***

*44.1.1 Is-Sindku għarraf lil Membri li din il-laqgħa kienet itellgħet peress li kienu saru diskussjonijiet mal-għaqdiet mużikali fir-rigward tal-ħofor tal-armar tal-festa kif ukoll mal-Awtorita Maltija tat-Trasport.*

*44.1.2 Mil-laqgħa mal-għaqdiet tal-festi rriżulta li dawn kienu qed jitolbu li l-ħofor kollha jsiru mill-ġdid, u wara talba mis-Segretarju Eżekuttiv, ġew sottomessi l-proposti taż-żewġ għaqdiet.*

*44.1.3 Il-proposti kienu mressqa fil-Kunsill għad-diskussjoni, fejn kien deċiż illi:*

*44.1.4 Billi ż-żewġ għaqdiet urew sens ta' koperazzjoni sabiex l-armar isir kollu fl-istess ħofor fi Triq Mons P.P. Saydon, il-Kunsill jagħmel 34 ħofra ġdida, kif ukoll*

*44.1.5 Ġew diskussi l-proposti għal Misraħ Mattia Preti, fejn ġew approvati mill-Kunsill li jsiru 22 ħofra kif proposti għall-armar tal-festi kif ukoll trinek u tqegħid ta' pajpijiet tad-dawl kif mitluba mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina.*

*44.1.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll stima mingħand il-kuntrattur involut għal dawn ix-xogħlijiet li kienet tlaħħaq għal Lm 40.00c għal kull ħofra, liema stima kienet approvata mill-Kunsill, fejn kien inottat li l-valur ta' dawn ix-xogħlijiet kien ser ilaħħaq għal madwar Lm 2,200.*

*44.1.7 Il-Kunsillier Antonia Farrugia daħlet f'dan l-istadju tal-laqgħa (6.50pm).*

*44.1.8 Fir-rigward tan-nar ta' l-art il-Kunsill innota li dawn jistgħu potenzjalment jagħmlu ħsara lill-għamara tat-triq li ser isiru f'Misraħ Mattia Preti.*

*44.1.9 Kien għalhekk deċiż illi qabel jitkomplew ix-xogħlijiet ikun propost liż-zewg għaqdiet mużikali għall-evalwazzjoni tagħhom jekk dawn jaqblux li jsir disinn mill-ġdid tan-nar tal-art, billi dan jiġi kollu kemm hu fuq it-tarmakk jew inkella li dan jiġi trasferit għal Vjal il-Blu Grotto.*

*44.1.10 Wara li jirċievi risposta mingħand iż-żewġ għaqdiet mużikali, l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu f'dan ir-rigward.*

*44.1.11 Is-Sindku għarraf lil Kunsill b'żewġ laqgħat li kienu nżammu ma' diversi uffiċċjali tal-Awtorita Maltija tat-Trasport fejn kien ġie propost minnhom illi jsir disinn ġdid ta' Misraħ Mattia Preti sabiex dan jakkomoda l-venda tat-trasport pubbliku billi skond huma fuq il-pjanti mhux faċli li taħdem kif ukoll li jista jkollha xi periklu għas-sewwieqa.*

*44.1.12 Is-Segretarju Eżekuttiv issottometta kopja ta' proposta li saret mid-Direttorat tal-Immaniġjar tat-Traffiku lil Kunsill.*

*44.1.13 F'dan l-istadju tal-laqgħa kien imsejjaħ jipparteċipa fid-diskussjoni l-perit inkarigat mill-proġett tal-Kunsill, is-Sur Lawrence Mintoff.*

*44.1.14 Mitlub mis-Sindku, l-Perit ta l-informazzjoni dwar il-proposta magħmula kif ukoll ir-riperkussjonijiet fuq il-proġett u l-Kunsill, li kienu:*

*44.1.15 Il-proġett hu approvat mill-MEPA u li jekk kien hemm xi konsultazzjoni, rimarki jew oġġezzjonijiet riedu jsiru f'dak l-istadju;*

*44.1.16 Il-kuntratt jieqaf, bil-possibilita li l-kuntrattur ifittex għad-danni lil Kunsill;*

*44.1.17 Ikollha ssir applikazzjoni ġdida mill-MEPA, li tieħu ta' l-anqas erba' xhur biex tiġi approvata; u*

*44.1.18 Wieħed mill-għanijiet tal-proġett kien li Misraħ Mattia Preti jingħata lura liċ-ċittadini u bil-proposta li saret lil Kunsill dan ma kienx ser iseħħ.*

*44.1.19 Kienu wkoll diskussi l-punti mressqa fil-laqgħat li saru fejn spikkaw, li l-akbar problema kienet illi jkun hemm numru ta' vetturi tat-trasport pubbliku filgħodu kmieni u li hemm diversi rotot li jitilqgħu mill-istess venda lejn inħawi diversi.*

*44.1.20 Is-Sindku rringrazzja lil Perit Mintoff tal-kontribut tiegħu u talbu jħalli l-laqgħa.*

*44.1.21 Il-Kunsill wara li kkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha msemmija, unanimament qabel li jkompli għaddej bil-proġett kif approvat mill-MEPA u li ma jsiru l-ebda alterazzjonijiet għalih kif ukoll illi sabiex jilqa għal xi eventwalita jiġi propost illi l-venda tal-linja tmur fi Triq Carlo de Giovanni Inglott, fejn kull tip ta' problema tiġi solvuta mingħajr ma jonqos l-ebda servizz liċ-ċittadin.*

*44.1.22 Is-Segretarju Eżekuttiv kien inkarigat jinforma b'dan lill-Awtorita Maltija dwar it-Trasport kif ukoll li tinħareġ stqarrija għall-istampa sabiex tiċċara l-pożizzjoni tal-Kunsill kif ukoll il-proposti li qed jagħmel.*

*44.1.23 Il-Kunsill ikkunsidra wkoll xi azzjonijiet li jistgħu jittieħdu fil-konfront tiegħu, l-aktar dak li ġie msemmi waqt il-laqgħat illi l-estenzjoni tas-servizz tat-trasport pubbliku għal Bubaqra ma seħħx.*

*44.1.24 F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament qabel illi jinforma lil pubbliku meta jkun iż-żmien opportun.*

*44.1.25 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-7.55 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum _____ ta' Frar, 2005*

| | |
|---|---|
| *Ignatius Farrugia* | *Adrian Mifsud* |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |